Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 312

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 62

16 ta' Settembru 2019

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

2019/C 312/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ...... 1

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

2019/C 312/02 Kawża C-338/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Sardegna (l-Italja) fil-25 ta' April 2019 — Telecom Italia SpA vs Regione Sardegna ............................ 2

2019/C 312/03 Kawża C-368/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fis-6 ta' Mejju 2019 — Telecom Italia SpA et vs Roma Capitale et. ............................................................... 3

2019/C 312/04 Kawża C-369/19 P: Appell ippreżentat fit 8 ta' Mejju 2019 minn José-Ramón Herrero Torres mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit 8 ta' Marzu 2019 fil-Kawża T 326/18. – Herrero Torres vs EUIPO – DZ Licores (CARAJILLO LICOR 43 CUARENTA Y TRES) ...................................................... 3

MT

| | | |
|---|---|---|
| 2019/C 312/05 | Kawża C-377/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-13 ta' Mejju 2019 — Benedetti Pietro e Angelo S.S. et vs Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA) | 4 |
| 2019/C 312/06 | Kawża C-399/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-22 ta' Mejju 2019 — Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni vs BT Italia SpA et | 5 |
| 2019/C 312/07 | Kawża C-447/19 P: Appell ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2019 minn SA Close, Cegelec mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fid-9 ta' April 2019 fil-Kawża T-259/15, Close u Cegelec vs Il-Parlament | 5 |
| 2019/C 312/08 | Kawża C-457/19 P: Appell ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2019 minn Amador Rodriguez Prieto kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fl-4 ta' April 2019 fil-Kawża T-61/18, Rodriguez Prieto vs Il-Kummissjoni | 6 |
| 2019/C 312/09 | Kawża C-510/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van beroep te Brussel (il-Belġju) fl-4 ta' Lulju 2019 — Openbaar Ministerie, YU, ZV vs AZ | 7 |
| 2019/C 312/10 | Kawża C-563/19 P: Appell ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2019 minn Recylex SA, Fonderie et Manufacture de Métaux, Harz-Metall GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-23 ta' Mejju 2019 fil-Kawża T-222/17, Recylex et vs Il-Kummissjoni | 8 |
| 2019/C 312/11 | Kawża C-572/19 P: Appell ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2019 minn European Road Transport Telematics Implementation Coordination Organisation — Intelligent Transport Systems & Services Europe (Ertico — ITS Europe) mis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Lulju 2019 mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fil-Kawża T-604/15, Ertico — ITS Europe vs Il-Kummissjoni | 9 |


**Il-Qorti Ġenerali**


| | | |
|---|---|---|
| 2019/C 312/12 | Kawża T-40/16: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2019 — MU vs Il-Parlament | 11 |
| 2019/C 312/13 | Kawża T-456/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2019 — ITV vs Il-Kummissjoni | 12 |
| 2019/C 312/14 | Kawża T-457/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2019 — Synthomer vs Il-Kummissjoni | 13 |
| 2019/C 312/15 | Kawża T-470/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2019 — Essentra et vs Il-Kummissjoni | 15 |
| 2019/C 312/16 | Kawża T-471/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2019 — Eland Oil & Gas vs Il-Kummissjoni | 16 |
| 2019/C 312/17 | Kawża T-473/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2019 — Diageo et vs Il-Kummissjoni | 18 |
| 2019/C 312/18 | Kawża T-474/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lujlu 2019 — Halma et vs Il-Kummissjoni | 19 |
| 2019/C 312/19 | Kawża T-475/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2019 — Bunzl et vs Il-Kummissjoni | 21 |
| 2019/C 312/20 | Kawża T-476/18: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2019 — AstraZeneca et vs Il-Kummissjoni | 22 |
| 2019/C 312/21 | Kawża T-482/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2019 — BT Group u Communications Global Network Services vs Il-Kummissjoni | 24 |

| | | |
|---|---|---|
| 2019/C 312/22 | Kawża T-483/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Lulju 2019 — Meggitt u Cavehurst vs Il-Kummissjoni | 25 |
| 2019/C 312/23 | Kawża T-484/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Lulju 2019 — Pearson Loan Finance et vs Il-Kummissjoni | 27 |
| 2019/C 312/24 | Kawża T-485/19: Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Lulju 2019 — Babcock International Group et vs Il-Kummissjoni | 28 |
| 2019/C 312/25 | Kawża T-486/19: Rikors ippreżentat fil-5 ta’ Lulju 2019 — Spectris u Spectris Group vs Il-Kummissjoni | 29 |
| 2019/C 312/26 | Kawża T-490/19: Rikors ippreżentat fil-5 ta’ Lulju 2019 — Weston Investment et vs Il-Kummissjoni | 31 |
| 2019/C 312/27 | Kawża T-491/19: Rikors ippreżentat fil-5 ta’ Lulju 2019 — Vodafone Group et vs Il-Kummissjoni | 32 |
| 2019/C 312/28 | Kawża T-492/19: Rikors ippreżentat fil-5 ta’ Lulju 2019 — GlaxoSmithKline Finance u Setfirst vs Il-Kummissjoni | 33 |
| 2019/C 312/29 | Kawża T-493/19: Rikors ippreżentat fil-5 ta’ Lulju 2019 — International Personal Finance Investments vs Il-Kummissjoni | 35 |
| 2019/C 312/30 | Kawża T-498/19: Rikors ippreżentat fid-9 ta’ Lulju 2019 — Banco Cooperativo Español vs BUR | 37 |
| 2019/C 312/31 | Kawża T-501/19: Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Lulju 2019 — Corneli vs BĊE | 38 |
| 2019/C 312/32 | Kawża T-502/19: Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Lulju 2019 — Corneli vs BĊE | 39 |
| 2019/C 312/33 | Kawża T-504/19: Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Lulju 2019 — Crédit Lyonnais vs BĊE | 41 |
| 2019/C 312/34 | Kawża T-513/19: Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Lulju 2019 — Lux vs Il-Kummissjoni | 42 |
| 2019/C 312/35 | Kawża T-520/19: Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Lulju 2019 — Heitec vs EUIPO — Hetec Datensysteme (HEITEC) | 43 |
| 2019/C 312/36 | Kawża T-527/19: Rikors ippreżentat fis-26 ta’ Lulju 2019 — Sánchez Cano vs EUIPO — Grupo Osborne (EL TORO BALLS Fini) | 44 |
| 2019/C 312/37 | Kawża T-530/19: Rikors ippreżentat fis-26 ta’ Lulju 2019 — Nord Stream vs Il-Parlament u Il-Kunsill | 45 |
| 2019/C 312/38 | Kawża T-532/19: Rikors ippreżentat fid-29 ta’ Lulju 2019 — EC Brand Comércio, Importação e Exportação de Vestuário em Geral vs EUIPO (pantys) | 46 |
| 2019/C 312/39 | Kawża T-533/19: Rikors ippreżentat fid-29 ta’ Lulju 2019 — Artur Florêncio & Filhos, Affsports vs EUIPO — Anadeco Gestion (sflooring) | 47 |
| 2019/C 312/40 | Kawża T-535/19: Rikors ippreżentat fit-30 ta’ Lulju 2019 — H.R. Participations vs EUIPO — Hottinger Investment Management (JCE HOTTINGUER) | 48 |
| 2019/C 312/41 | Kawża T-546/19: Rikors ippreżentat fis-7 ta’ Awwissu 2019 — Isigny — Sainte Mère vs EUIPO (Forma ta’ kontenitur tad-deheb b’tip ta’ mewġa) | 49 |

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

**L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

(2019/C 312/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 305, 9.9.2019

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 295, 2.9.2019

ĠU C 288, 26.8.2019

ĠU C 280, 19.8.2019

ĠU C 270, 12.8.2019

ĠU C 263, 5.8.2019

ĠU C 255, 29.7.2019

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Sardegna (l-Italja) fil-25 ta' April 2019 — Telecom Italia SpA vs Regione Sardegna**

**(Kawża C-338/19)**

(2019/C 312/02)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per la Sardegna

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Telecom Italia SpA

*Konvenuta:* Regione Sardegna

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999/KE tat-22 ta' Marzu 1999 ([1]), applikabbi *ratione temporis*, li jistabbilixxi li "[m]ingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 23, il-Kummissjoni tista f'każijiet ta' użu ħażin ta' għajnuna tiftaħ il-proċedura għal investigazzjoni formali skond l-Artikolu 4(4). L-Artikoli 6,7,9 u 10, l-Artikolu 11(1), l-Artikoli 12, 13, 14 u 15 għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*", għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta deċiżjoni preliminari ta' rkupru anki fil-każijiet ta' użu ħażin ta' għajnuna (bla ħsara għall-possibbiltà li l-istess Kummissjoni tadixxi direttament lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fis-sens tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 659/1999/KE);

Fil-każ li r-risposta għad-domanda preċedenti tkun waħda negattiva, l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999/KE tat-22 ta' Marzu 1999 għandu jiġi ddikjarat invalidu minħabba li jikser l-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (li kien l-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE);

2) L-Artikolu 9(1) u (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta’ April 2004 (li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta’ Marzu 1999) ([2]), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta’ Jannar 2008 ([3]), għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rata ta’ interessi prevista f’dawn il-paragrafi għall-ħlas lura tal-għajnuna mill-Istat inkompatibbli u illegali tapplika anki fil-każ ta’ rkupru ta’ għajnuna mill-Istat approvata permezz ta’ deċiżjoni kundizzjonata u użata ħażin peress li tkun seħħet il-kundizzjoni prevista.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta’ Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta’ April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 93 tat-Trattat [tal-KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 4, p. 3).

([3]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta’ Jannar 2008 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU 2008, L. 82, p. 1).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fis-6 ta’ Mejju 2019 — Telecom Italia SpA et vs Roma Capitale et**

**(Kawża C-368/19)**

(2019/C 312/03)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Telecom Italia SpA, Wind Tre SpA, Vodafone Italia SpA, Lindam Srl

*Konvenuti:* Roma Capitale, Regione Lazio, Vodafone Italia SpA, Telecom Italia SpA, Wind Tre SpA, Wind Telecomunicazioni SpA

**Domanda preliminari**

Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali (bħal dik fl-Artikolu 8(6) tal-Liġi Nru 36 tat-22 ta’ Frar 2001) interpretata u applikata fis-sens li tippermetti lid-diversi amministrazzjonijiet lokali li jistabbilixxu kriterji ta’ fejn jitpoġġew impjanti ta’ telefonija mobbli, anki espressi taħt forma ta’ projbizzjoni, bħall-projbizzjoni li jiġu installati antenni f’żoni partikolari jew f’distanza partikolari minn bini li jaqa’ taħt ċerta kategorija?

---

**Appell ippreżentat fit 8 ta’ Mejju 2019 minn José-Ramón Herrero Torres mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit 8 ta’ Marzu 2019 fil-Kawża T 326/18. – Herrero Torres vs EUIPO – DZ Licores (CARAJILLO LICOR 43 CUARENTA Y TRES)**

**(Kawża C-369/19 P)**

(2019/C 312/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Appellanti:* José-Ramón Herrero Torres (rappreżentanti: J. Donoso Romero, abogado)

*Parti oħra fil-proċedura:* L Uffiċċju tal Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea u DZ Licores S.L.U.

Permezz ta' digriet tal 15 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla għall-ammissjoni tal-appelli) iddeċidiet li ma tippermettix l-appell u kkundannat lil José-Ramón Herrero Torres għall-ispejjeż rispettivi tiegħu.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-13 ta' Mejju 2019 — Benedetti Pietro e Angelo S.S. et vs Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA)**

**(Kawża C-377/19)**

(2019/C 312/05)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellanti:* Benedetti Pietro e Angelo S.S., Capparotto Giampaolo e Lorenzino S.S., Gonzo Dino S.S., Soc. Agr. Semplice F.lli Isolan, Mantovani Giuseppe e Giorgio S.S., Azienda Agricola Padovani Luigi, Az. Agr. La Pila di Mastrotto Piergiorgio e C. S.S., Azienda Agricola Mastrotto Giuseppe

*Konvenuta:* Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA)

**Domanda preliminari**

F'sitwazzjoni bħalma hija dik deskritta, l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 ([1]) jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħal dik tal-Artikolu 9 tad-Digriet Liġi Nru 49/2003 moqri flimkien mal-Artikolu 2(3) tad-Digriet Liġi Nru 157/2004 tal-24 ta' Ġunju 2004, li tipprevedi, bħala kriterju għall-identifikazzjoni tal-kategorija prijoritarja li lilha għandha tiġi rrestitwita imposta indebitament irċevuta, dak ta' jekk ix-xerrej wettaqx ħlas regolari ta' kull xahar?

---

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi imposta fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 43, p. 333).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-22 ta’ Mejju 2019 — Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni vs BT Italia SpA et**

**(Kawża C-399/19)**

(2019/C 312/06)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni

*Konvenuti:* BT Italia SpA, Basictel SpA, BT Enia Telecomunicazioni SpA, Telecom Italia SpA, PosteMobile SpA, Vodafone Italia SpA

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2002/20/KE ([1]) jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq persuni awtorizzati fis-sens tad-Direttiva nnifisha l-ispejjeż amministrattivi kumplessivament sostnuti mill-awtorità regolatorja nazzjonali, għall-organizzazzjoni u għat-twettiq tal-funzjonijiet kollha, inklużi dawk ta’ regolamentazzjoni, ta’ superviżjoni, ta’ soluzzjoni tat-tilwim u ta’ sanzjoni, mogħtija lill-awtorità regolatorja nazzjonali mill-Qafas Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (stabbilit mid-Direttivi 2002/19/KE ([2]), 2002/20/KE, 2002/21/KE ([3]) u 2002/22/KE ([4])); jew l-attivitajiet indikati fl-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2002/20/KE huma limitati mill-attività ta’ “regolamentazzjoni *ex ante*” imwettqa mill-awtorità regolatorja nazzjonali?

2) L-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/20/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rendikont annwali tal-ispejjeż amministrattivi tal-awtorità regolatorja nazzjonali u tal-ħlasijiet miġbura: a) jista’ jiġi ppubblikat wara tmiem is-sena finanzjarja, skont il-liġijiet nazzjonali ta’ kontabbiltà pubblika, li fihom ikunu ngabru l-ħlasijiet amministrattivi; b) jippermetti lill-awtorità regolatorja nazzjonali tagħmel l-“aġġustamenti xierqa” anki b’riferiment għal snin finanzjarji li ma jkunux immedjatament konsekuttivi?

([1]) Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta’ networks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta’ Awtorizzazzjoni) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337).

([2]) Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta’, networks ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva ta’ l-Aċċess) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 323, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8).

([3]) Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta’ komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8).

([4]) Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta’ l-utenti li jirrelataw ma’ networks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367).

**Appell ippreżentat fil-11 ta’ Ġunju 2019 minn SA Close, Cegelec mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba’ Awla) fid-9 ta’ April 2019 fil-Kawża T-259/15, Close u Cegelec vs Il-Parlament**

**(Kawża C-447/19 P)**

(2019/C 312/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* SA Close, Cegelec (rappreżentanti: J.-L. Teheux, J.-M. Rikkers, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata

— konsegwentement, tilqa' t-talbiet tal-appellanti fl-ewwel istanza u, għaldaqstant, tannulla d-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Marzu 2015 mill-Parlament li tagħti l-kuntratt pubbliku għal xogħlijiet dwar il-"*proġett ta' estensjoni u ta' aġġornament tal-bini Konrad Adenauer fil-Lussemburgu*" lot 73 (impjant ta' produzzjoni ta' enerġija), referenza INLO-D-UPIL-T-14-A04, lill-Association Momentanée ENERGIE-KAD (komposta mill-kumpanniji MERSCH et SCHMITZ PRODUCTION SARL u ENERGOLUX SA) u korrelattivament li ma ġietx magħżula l-offerta tal-appellanti;

— tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipal**

Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni fis-sens tal-Artikolu 296 TFUE, tal-Artikolu 113(2) tar-Regolament Finanzjarju u tal-Artikolu 161(2) u (3) tar-Regoli ta' Applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Qorti Ġenerali allegatament żnaturat ukoll il-portata tat-tieni motiv imqajjem fl-ewwel istanza, tat portata ineżatta lill-kunċett ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, lill-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u lill-obbligi li huma l-korollarju tiegħu u wettqet żball ta' analiżi li wassal għal żnaturament tal-fatti u tal-provi.

Fl-aħħar nett l-appellanti jsostnu li s-sentenza appellata ma hijiex suffiċjentement immotivata inkwantu mkien ma ssemmi argumenti li huma kienu qajmu.

---

**Appell ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2019 minn Amador Rodriguez Prieto kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fl-4 ta' April 2019 fil-Kawża T-61/18, Rodriguez Prieto vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-457/19 P)**

(2019/C 312/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Amador Rodriguez Prieto (rappreżentanti: S. Orlandi, T. Martin, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' April 2019 fil-Kawża T-61/18 sa fejn din tiċħad it-talba għal kumpens tad-dannu morali tal-appellant;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tikkumpensa d-dannu morali subit mill-appellant bil-ħlas lilu ta' kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa ta' EUR 100 000;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellant isostni li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball ta' liġi f'dak li jirrigwarda n-natura illegali tal-aġir tal-Kummissjoni fil-konfront tiegħu matul il-proċeduri kriminali, fid-dawl b'mod partikolari tal-istatus tiegħu ta' informatur fil-"każ Eurostat".

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van beroep te Brussel (il-Belġju) fl-4 ta' Lulju 2019 — Openbaar Ministerie, YU, ZV vs AZ**

**(Kawża C-510/19)**

(2019/C 312/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hof van beroep te Brussel

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Openbaar Ministerie, YU, ZV

*Konvenut:* AZ

**Domandi preliminari**

1) 1. Il-kliem "awtorità ġudizzjarja" imsemmija fl-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni [Qafas] [2002/584/ĠAI ([1]) tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri] jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni?

2. Fil-każ li r-risposta għad-domanda 1.1 tkun fl-affermattiv: fuq liema kriterji jista' jiġi stabbilit li awtorità ta' Stat Membru tal-eżekuzzjoni hija din l-awtorità ġudizzjarja u li l-mandat ta' arrest Ewropew eżegwit minnha huwa konsegwentement tali deċiżjoni ġudizzjarja?

3. Fil-każ li r-risposta għad-domanda 1.1 tkun fl-affermattiv, l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Pajjiżi l-Baxxi, b'mod iktar preċiż l-officier van justitie (il-Prosekutur), jaqa' taħt il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja" imsemmi fl-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/JAI u l-mandat ta' arrest Ewropew eżegwit minn din l-awtorità huwa konsegwentement deċiżjoni ġudizzjarja?

4. Fil-każ li r-risposta għad-domanda 1.3 tkun fl-affermattiv, jista' jiġi ammess li l-konsenja inizjali hija evalwata minn awtorità ġudizzjarja, b'mod iktar preċiż mill-[internationale rechtshulpkamer (l-Awla tal-Għajnuna Ġudizzjarja Reċiproka Internazzjonali) tar-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam)], skont l-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI, li jiggarantixxi b'mod partikolari r-rispett tad-dritt ta' smigħ tal-parti fil-kawża u d-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja, filwaqt li l-konsenja supplimentari skont l-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI tiġi ddevoluta lil awtorità oħra, jiġifieri l-officier van justitie (il-Prosekutur), li ma jiggarantixxix lill-parti fil-kawża la d-dritt ta' smigħ u lanqas id-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja, b'tali mod li jiġi stabbilit nuqqas manifest ta' koerenza fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI mingħajr ebda ġustifikazzjoni raġonevoli?

5. Jekk ir-risposta għad-domandi 1.3 u 1.4 tkun affermattiva, l-Artikoli 14, 19 u 27 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI għandhom jiġu interpretati fis-sens li, qabel ma jkun jista' jagħti l-kunsens tiegħu biex persuna tiġi għall-azzjoni kriminali, l-għoti ta' sentenza jew id-detenzjoni bil-għan li tiġi skontata piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal reat imwettaq qabel il-konsenja tagħha skont il-mandat ta' arrest Ewropew li ma huwiex dak li għalih ġiet mitluba l-konsenja, il-Prosekutur Pubbliku li jaġixxi bħala awtorità ġudizzjarja għandu l-ewwel jiżgura r-rispett tad-dritt ta' smigħ u d-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja tal-parti fil-kawża?

2) L-officier van justitie (il-Prosekutur) tal-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Amsterdam li jaġixxi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Wet tot implementatie van het kaderbesluit van de Raad van de Europese Unie betreffende het Europees aanhoudingsbevel en de procedures van overlevering tussen de lidstaten van de Europese Unie (il-Liġi Olandiża li Timplimenta d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-Proċeduri ta' Konsenja bejn l-Istati Membri) tad-29 ta' April 2004 huwa l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI li kkonsenjat lill-persuna rikjesta u li tista' tagħti l-kunsens fis-sens tal-Artikolu 27(3)(g) u (4) ta' din id-Deċiżjoni Qafas ?

---

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34.

---

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2019 minn Recylex SA, Fonderie et Manufacture de Métaux, Harz-Metall GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-23 ta' Mejju 2019 fil-Kawża T-222/17, Recylex et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-563/19 P)**

(2019/C 312/10)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Recylex SA, Fonderie et Manufacture de Métaux, Harz-Metall GmbH (rappreżentanti: M. Wellinger, avocat, S. Reinart u K. Bongs, Rechtsanwälte)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tat-23 ta' Mejju 2019, Recylex *et* vs Il-Kummissjoni (T-222/17, EU:T:2019:356) sa fejn tikkonferma l-multa li ġiet imposta fuqhom mid-deċiżjoni kontenzjuża (1) u tikkundannahom għall-ispejjeż;

— tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn timponi fuqhom multa ta' EUR 26 739 000;

— tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuqhom għal EUR 5 877 732 abbażi tat-tliet motivi invokati; jew għall-inqas għal EUR 17 679 141 abbażi tal-ewwel motiv biss, għal EUR 13 305 478 abbażi tat-tieni motiv biss; għal EUR 19 099 565 abbażi tat-tielet motiv biss, għal EUR 8 228 824 abbażi tal-ewwel u tat-tieni motiv; għal EUR 12 627 958 abbażi tal-ewwel u tat-tielet motiv jew għal EUR 9 503 913 abbażi tat-tieni u tat-tielet motiv;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fl-ewwel istanza.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw tliet motivi:

1) is-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi, l-ewwel nett, għar-raġuni li l-motivazzjoni tagħha hija inkoerenti u mhux ċara għal dak li jirrigwarda l-kriterju legali applikabbli għall-għoti tal-immunità parzjali u, it-tieni nett, toħloq żnaturament manifest tal-provi u injorat ir-regoli dwar l-oneru tal-prova fl-applikazzjoni tal-kriterju legali;

2) is-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi għaliex il-Qorti Ġenerali tinterpreta u tapplika ħażin ir-regoli dwar l-immunità parzjali previsti fit-tielet paragrafu tal-Punt 26 tal-Avviż dwar il-kooperazzjoni tal-2006;

3) is-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tat-Taqsima III tal-Avviż dwar il-kooperazzjoni tal-2006 sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-impriża li hija t-tieni waħda li pproduċiet provi ta' valur miżjud sinjifikattiv ma tistax tieħu post l-ewwel impriża li pproduċiet tali provi iżda li ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet sabiex tibbenefika minn tnaqqis tal-multa tagħha.

---

(1) Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2017) 900 final tat-8 ta' Frar 2017 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE (Każ AT.40018 — Riċiklaġġ ta' batteriji ta' vetturi bil-mutur).

---

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2019 minn European Road Transport Telematics Implementation Coordination Organisation — Intelligent Transport Systems & Services Europe (Ertico — ITS Europe) mis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Lulju 2019 mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fil-Kawża T-604/15, Ertico — ITS Europe vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-572/19 P)**

(2019/C 312/11)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* European Road Transport Telematics Implementation Coordination Organisation — Intelligent Transport Systems & Services Europe (Ertico — ITS Europe) (rappreżentanti: M. Wellinger u K. T'Syen, avocats)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Mejju 2019 fil-Kawża T-604/15;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata ([1]) u tikkonferma li l-appellanti għandha l-istatus ta' IŻM (impriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju);

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużu ta' dawk quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha r-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1) Is-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball ta' liġi sa fejn fiha ġie deċiż li (i) il-punti 1.2.6 u 1.2.7 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2012/838/UE ([2]) tat-18 ta' Diċembru 2012 dwar l-adozzjoni tar-Regoli biex tiġi żgurata verifika konsistenti tal-eżistenza u tal-istatus ġuridiku tal-parteċipanti, kif ukoll tal-kapaċitajiet operazzjonali u finanzjarji tagħhom, f'azzjonijiet indiretti appoġġjati permezz ta' forma ta' għotja skont is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni u taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għar-riċerka nukleari u l-attivitajiet ta' taħriġ u (ii) l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 ([3]) tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità jirrigwardaw rimedji separati.

2) Is-sentenza appellata tapplika ħażin u tikser ir-rakkomandazzjoni dwar l-IŻM ([4]) u tikser il-prinċipji legali fundamentali ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi (u hija għalhekk ivvizzjata bi żball ta' liġi) meta fiha ġie deċiż li huwa legalment permess li l-appellanti ma tingħatax l-istatus ta' IŻM abbażi tal-"għan u tal-ispirtu" tar-rakkomandazzjoni dwar l-IŻM minkejja l-fatt li l-appellanti tissodisfa formalment il-kriterji tar-rakkomandazzjoni dwar l-IŻM (fatt li ma huwiex ikkonfutat mis-sentenza appellata).

3) Is-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball manifest ta' evalwazzjoni u hija sostantivament invalida, sa fejn fiha ġie deċiż li l-appellanti "ma kellhiex l-iżvantaġġi li l-IŻM kienu normalment jiffaċċjaw" (u li għaldaqstant l-appellanti ma hijiex IŻM fl-"għan u fl-ispirtu" tar-rakkomandazzjoni dwar l-IŻM).

([1]) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Validazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Awwissu 2015.
([2]) ĠU 2012, L 359, p 45.
([3]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 235.
([4]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u medji (ĠU 2013, L 124, p. 36).

# IL-QORTI ĠENERALI

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2019 — MU vs Il-Parlament**

**(Kawża T-40/16)**

(2019/C 312/12)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* MU (rappreżentant: A. Bruno, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkonstata u tiddikjara l-illegalità tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2015 li tiċħad il-ħlas supplimentari għal trainees b'diżabbiltà previst fl-Artikolu 24(9) tar-Regoli interni li jirregolaw it-traineeships fis-segretarjat tal-Parlament Ewropew;

— konsegwentement, tiddikjara id-dritt tar-rikorrent li jingħata l-ħlas supplimentari previst fl-Artikolu 29(9) tar-Regoli li jirregolaw it-traineeships fil-Parlament Ewropew, bħala persuna b'diżabbiltà ta' 70 %;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew jagħti lir-rikorrent il-kumpens addizzjonali previst mil-leġiżlazzjoni applikabbli, inklużi l-interessi u rievalwazzjoni monetarja bejn id-data tat-talba amministrattiva u l-pagament effettiv. Tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż u għall-kumpens legali ta' din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka dawn il-motivi:

1. Ir-rikonoxximent tal-ħlas supplimentari għall-persuni b'diżabbiltà, previst fl-Artikolu 24(9) tar-Regoli interni li jirregolaw it-traineeships fis-segretarjat tal-Parlament Ewropew, ma jaqax taħt id-diskrezzjoni tal-Parlament stess.

2. Il-perċentwali tad-diżabbiltà hija kkonfermata jew stabbilita mill-konsulent mediku tal-Parlament Ewropew skont jekk jibbażax ruħu fuq ċertifikat nazzjonali jew fuq opinjoni ddettaljata tat-tabib tat-trainee, u b'riferiment għall-"iskala Ewropea ta' evalwazzjoni għal finijiet mediċi tal-integrità fiżika u mentali".

3. Is-setgħa diskrezzjonali tal-Parlament Ewropew, jekk saħansitra għandu tali diskrezzjoni f'dan il-każ, ġiet eżerċitata lil hinn mil-limiti tagħha mingħajr ġustifikazzjoni. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jispeċifika li l-leġiżlazzjoni applikabbli tagħmel distinzjoni bejn il-każ fejn id-diżabbiltà tkun ibbażata fuq ċertifikat maħruġ mill-awtorità nazzjonali, bħalma huwa l-każ hawnhekk u f'liema każ tiġi kkonfermata mit-tabib tal-Parlament Ewropew, u l-każ different fejn id-diżabbiltà tkun ibbażata fuq rapport tat-tabib tat-trainee. F'dan il-każ tal-aħħar, u f'dan il-każ biss, il-perċentwali tad-diżabbiltà tiġi stabbilita mit-tabib tal-Parlament Ewropew.

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2019 — ITV vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-456/19)**

(2019/C 312/13)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ITV plc (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Lesar, Solicitor u K. Beal, QC)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2019) 2526, tat-2 ta' April 2019, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit sa fejn tikkonċerna ċ-CFC Group Financing Exemption (l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi fil-kuntest tar-regoli relatati mal-kumpanniji barranin ikkontrollati);

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka disa' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 107(1) TFUE u/jew wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta għażlet il-qafas ta' referenza għall-analiżi tas-sistema fiskali. Il-Kummissjoni kellha tieħu s-sistema Brittanika ta' ntaxxar tal-kumpanniji bħala qafas ta' referenza, u mhux biss is-sistema tal-kumpanniji barranin ikkontrollati (KBK).

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE u/jew wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi segwiet approċċ żbaljat għall-analiżi tas-sistema tal-KBK. Fil-premessi 124 sa 126 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] tar-Renju Unit bħala tip ta' deroga għal taxxa ġenerali li tinsab fil-Kapitolu 5 ta' din il-liġi.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE meta kkonstatat, fil-premessi 127 sa 151 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kriterju ta' selettività kien issodisfatt sa fejn impriżi li kienu jinsabu f'sitwazzjonijiet fattwali u legali paragunabbli kienu ttrattati b'mod differenti.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq li l-eżenzjoni ta' 75 % prevista fl-Artikolu 371ID tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] hija ġġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq li l-impożizzjoni ta' piż fiskali fuq il-KBK tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-eżenzjonijiet previsti fil-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] bħala klassi li tikser il-libertà ta' stabbiliment tar-rikorrenti stabbilita fl-Artikolu 49 TFUE.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq it-twettiq ta' żball manifest ta' evalwazzjoni li jikkonċerna l-eżenjoni ta' 75 % u l-kwistjoni tal-proporzjon fiss.

7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tosservax il-prinċipju ġenerali tal-Unjoni ta' nondiskriminazzjoni jew ta' ugwaljanza.

8. It-tmien motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat b'analoġija d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 ([1]) jew billi bbażat b'mod inġustifikat fuqhom, meta din ma kinitx applikabbli *ratione temporis*.

9. Id-disa' motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE meta kkonstatat fil-premessa 176 tad-deċiżjoni kkontestata li kategorija ta' benefiċjarji teżisti (inklużi r-rikorrenti) u li r-rikorrenti kisbet għajnuna li kellha tiġi rkuprata skont l-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata.

([1]) Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-2 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU 2016, L 193, p. 1).

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2019 — Synthomer vs Il-Kummissjoni**

**Kawża T-457/19)**

(2019/C 312/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Synthomer plc (Harlow, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Lesar, Solicitor u K. Beal, QC)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2019) 2526, tat-2 ta' April 2019, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit sa fejn tikkonċerna ċ-CFC Group Financing Exemption (l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi fil-kuntest tar-regoli relatati mal-kumpanniji barranin ikkontrollati);

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka disa' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 107(1) TFUE u/jew wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta għażlet il-qafas ta' referenza għall-analiżi tas-sistema fiskali. Il-Kummissjoni kellha tieħu s-sistema Brittanika ta' ntaxxar tal-kumpanniji bħala qafas ta' referenza, u mhux biss is-sistema tal-kumpanniji barranin ikkontrollati (KBK).

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE u/jew wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi segwiet approċċ żbaljat għall-analiżi tas-sistema tal-KBK. Fil-premessi 124 sa 126 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] tar-Renju Unit bħala tip ta' deroga għal taxxa ġenerali li tinsab fil-Kapitolu 5 ta' din il-liġi.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE meta kkonstatat, fil-premessi 127 sa 151 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kriterju ta' selettività kien issodisfat sa fejn impriżi li kienu jinsabu f'sitwazzjonijiet fattwali u legali paragunabbli kienu ttrattati b'mod differenti.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq li l-eżenzjoni "integrali" prevista fl-Artikolu 371IB tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] tar-Renju Unit hija ġġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq li l-eżenzjoni ta' 75 % prevista fl-Artikolu 371ID tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] hija ġġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq it-twettiq ta' żball manifest ta' evalwazzjoni li jikkonċerna l-eżenzjoni ta' 75 % u l-kwistjoni tal-proporzjon fiss.

7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tosservax il-prinċipju ġenerali tal-Unjoni ta' nondiskriminazzjoni jew ta' ugwaljanza.

8. It-tmien motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat b'analoġija d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 [1] jew billi bbażat b'mod inġustifikat fuqhom, meta din ma kinitx applikabbli *ratione temporis*.

9. Id-disa' motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE meta kkonstatat fil-premessa 176 tad-deċiżjoni kkontestata li kategorija ta' benefiċjarji teżisti (inklużi r-rikorrenti) u li r-rikorrenti kisbet għajnuna li kellha tiġi rkuprata skont l-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata.

[1] Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-2 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU 2016, L 193, p. 1).

**Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Lulju 2019 — Essentra et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-470/19)**

(2019/C 312/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Essentra plc (Milton Keynes, ir-Renju Unit), ESNT Holdings (No.2) Ltd (Milton Keynes) u Essentra Finance Ltd (Milton Keynes) (rappreżentanti: J. Lesar, Solicitor, and K. Beal, QC)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitlobu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2019) 2526, tat-2 ta’ April 2019, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit sa fejn tikkonċerna ċ-CFC Group Financing Exemption (l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi fil-kuntest tar-regoli relatati mal-kumpanniji barranin ikkontrollati);

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw għaxar motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni applikat b’mod żbaljat l-Artikolu 107(1) TFUE u/jew wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni meta għażlet il-qafas ta’ referenza għall-analiżi tas-sistema fiskali. Il-Kummissjoni kellha tieħu s-sistema Brittanika ta’ ntaxxar tal-kumpanniji bħala qafas ta’ referenza, u mhux biss is-sistema tal-kumpanniji barranin ikkontrollati (KBK).

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta’ liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE u/jew wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni billi segwiet approċċ żbaljat għall-analiżi tas-sistema tal-KBK. Fil-premessi 124 sa 126 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat b’mod żbaljat id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] tar-Renju Unit bħala tip ta’ deroga għal taxxa ġenerali li tinsab fil-Kapitolu 5 ta’ din il-liġi.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta’ liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE meta kkonstatat, fil-premessi 127 sa 151 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kriterju ta’ selettività kien issodisfatt sa fejn impriżi li kienu jinsabu f’sitwazzjonijiet fattwali u legali paragunabbli kienu ttrattati b’mod differenti.

4. Ir-raba’ motiv, ibbażat fuq li l-eżenzjoni ta’ 75 % prevista fl-Artikolu 371ID tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] hija ġġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq li l-eċċezzjoni tal-“interess konkordanti” prevista fl-Artikolu 371IE tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] hija ġġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq li l-impożizzjoni ta’ piż fiskali fuq il-KBK tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-eżenzjonijiet previsti fil-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] bħala klassi li tikser il-libertà ta’ stabbiliment tar-rikorrenti stabbilita fl-Artikolu 49 TFUE.

7. Is-seba’ motiv, ibbażat fuq it-twettiq ta’ żball manifest ta’ evalwazzjoni li jikkonċerna l-eżenjoni ta’ 75 % u l-kwistjoni tal-proporzjon fiss.

8. It-tmien motiv, ibbażat fuq li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tosservax il-prinċipju ġenerali tal-Unjoni ta’ nondiskriminazzjoni jew ta’ ugwaljanza.

9. Id-disa’ motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta’ liġi meta applikat b’analoġija d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 [1] jew billi bbażat b’mod inġustifikat fuqhom, meta din ma kinitx applikabbli *ratione temporis*.

10. L-għaxar motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta’ liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE meta kkonstatat fil-premessa 176 tad-deċiżjoni kkontestata li kategorija ta’ benefiċjarji teżisti (inklużi r-rikorrenti) u li r-rikorrenti kisbu għajnuna li kellha tiġi rkuprata skont l-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata.

[1] Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta’ Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta’ evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU 2016, L 193, p. 1).

## Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Lulju 2019 — Eland Oil & Gas vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-471/19)**

(2019/C 312/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Eland Oil & Gas plc (Aberdeen, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Lesar, Solicitor u K. Beal, QC)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2019) 2526 finali, tat-2 ta’ April 2019, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit sa fejn tikkonċerna ċ-CFC Group Financing Exemption (l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi fil-kuntest tar-regoli relatati mal-kumpanniji barranin ikkontrollati);

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka għaxar motivi

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 107(1) TFUE u/jew wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta għażlet il-qafas ta' referenza għall-analiżi tas-sistema fiskali. Il-Kummissjoni kellha tieħu s-sistema Brittanika ta' ntaxxar tal-kumpanniji bħala qafas ta' referenza, u mhux biss is-sistema tal-kumpanniji barranin ikkontrollati (KBK).

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE u/jew wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi segwiet approċċ żbaljat għall-analiżi tas-sistema tal-KBK. Fil-premessi 124 sa 126 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [il-Liġi dwar id-Dispożizzjonijiet Fiskali (Internazzjonali u Oħrajn) tal-2010] tar-Renju Unit bħala tip ta' deroga għal taxxa ġenerali li tinsab fil-Kapitolu 5 ta' din il-liġi.

8. It-tmien motiv ibbażat fuq li, fid-determinazzjoni tal-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata, it-telf, it-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet li kienu disponibbbli għal applikant fiż-żmien ta’ meta dan uża l-EFG, jew li kienu jkunu disponibbli dak iż-żmien li kieku ma kienx uża l-EFT, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni anki jekk l-aċċess għal dak it-telf, it-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet issa huwa preskritt taħt id-dritt tar-Renju Unit. Ir-rikorrenti jsostnu li din hija l-interpretazzjoni korretta tal-premessa 203 tad-deċiżjoni kkontestata iżda, sa fejn dan ma huwiex il-każ, id-deċiżjoni kkontestata hija inkorretta għaliex in-nuqqas ta’ teħid inkunsiderazzjoni ta’ tali telf, tnaqqis jew eżenzjonijiet iwassal għal kalkolu żejjed tal-ammont tal-għajnuna u jintroduċi distorsjoni fis-suq intern.

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta’ Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9)

**Rikors ippreżentat fil-5 ta’ Lulju 2019 — Vodafone Group et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-491/19)**

(2019/C 312/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Vodafone Group plc (Newbury, ir-Renju Unit), Vodafone Consolidated Holdings Ltd (Newbury), Vodafone Finance UK Ltd (Newbury) u Vodafone Jersey Dollar Holdings Ltd (St Helier, Jersey) (rappreżentanti: J. Gardiner, QC, I. Taylor, M. Lane u J. Holland, Solicitors)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla kompletament jew parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2019) 2526 finali, tat-2 ta' April 2019, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit sa fejn tikkonċerna ċ-CFC Group Financing Exemption (l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi fil-kuntest tar-regoli relatati mal-kumpanniji barranin ikkontrollati);

— fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw sitt motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni naqset milli twettaq l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li r-regoli dwar il-kumpanniji barranin ikkontrollati huma l-qafas ta' referenza rilevanti.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' fatt u fid-dritt u naqset milli twettaq l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha meta kkonstatat li l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi hija deroga.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u naqset milli twettaq l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha meta kkonstatat li l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi, sa fejn tikkonċerna l-funzjonijiet umani sinjifikattivi Brittaniċi, ma hijiex iġġustifikata u għalhekk hija selettiva.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' fatt u fid-dritt u naqset milli twettaq l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha meta kkonstatat li l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi hija vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li ċerti persuni li għandhom dritt għall-eżenjzoni fuq il-finanzjament tal-gruppi rċevew vantaġġ fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni naqset milli twettaq l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li "taxxa fuq il-kumpanniji barranin ikkontrollati" li hija imposta fuq impriżi tal-Unjoni realment stabbiliti hija konformi mal-prinċipju tal-libertà ta' stabbiliment tal-Unjoni.

---

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Lulju 2019 — GlaxoSmithKline Finance u Setfirst vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-492/19)**

(2019/C 312/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* GlaxoSmithKline Finance plc (Brentford, ir-Renju Unit) u Setfirst Ltd (Brentford) (rappreżentanti: K. Bacon QC, u A. Lyle-Smythe, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2019) 2526 finali, tat-2 ta’ April 2019, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit sa fejn tikkonċerna ċ-CFC Group Financing Exemption (l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi fil-kuntest tar-regoli relatati mal-kumpanniji barranin ikkontrollati) kollha kemm hi;

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tikkonċerna jew tista’ tikkonċerna kumpanniji barranin ikkontrollati realment stabbiliti u li jeżerċitaw attivitajiet ekonomiċi ġenwini fi Stat Membru ieħor;

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn ma tipprovdix informazzjoni suffiċjenti lill-benefiċjarju sabiex jiġi kkalkolat l-ammont preċiż tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata mingħajr diffikultajiet eċċessivi;

— sussidjarjament, tagħti l-annullament parzjali li l-Qorti Ġenerali tqis xieraq, u

— fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta’ liġi u pprovdiet motivazzjoni insuffiċjenti meta kkonstatat li l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi tikkostitwixxi vantaġġ peress li, għall-kumpanniji barranin ikkontrollati realment stabbiliti fi Stat Membru ieħor, l-effett tas-sentenza Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas ([1]) huwa li l-kumpanniji omm tagħhom ma għandhom jiġu suġġetti għal ebda taxxa fuq il-kumpanniji barranin ikkontrollati (anki taxxa mnaqqsa imposta wara l-eżenzjoni parzjali fuq il-finanzjament tal-gruppi).

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta’ liġi u żball manifest ta’ evalwazzjoni u naqset milli twettaq l-obbligu ta’ motivazzjoni tagħha meta kkonstatat li l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi ma hijiex iġġustifikata mill-għan li tiġi żgurata l-osservanza tal-libertà ta’ stabbiliment.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta’ liġi u żball manifest ta’ evalwazzjoni meta kkonkludiet li l-eżenzjoni fuq il-finanzjament tal-gruppi ma hijiex deroga ġġustifikata min-neċessità li jiġi evitat tqassim tal-profitti kumplessi u sproporzjonatament tqal għal funzjonijiet umani sinjifikattivi fuq il-bażi tal-approċċ tal-OECD dwar it-tqassim tal-profitti bejn stabbilimenti permanenti.

4. Ir-raba’ motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta’ liġi meta ma pprovdietx informazzjoni adegwata li tikkonċerna l-parametri tal-irkupru.

([1]) Sentenza tat-12 ta’ Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, EU:C:2006:544).

**Rikors ippreżentat fil-5 ta’ Lulju 2019 — International Personal Finance Investments vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-493/19)**

(2019/C 312/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* International Personal Finance Investments Ltd (Leeds, ir-Renju Unit) (rappreżentant: M. Anderson, Solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2019) 2526, tat-2 ta’ April 2019, dwar għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentat mir-Renju Unit f’dak li jirrigwarda ċ-CFC Group Financing Exemption (eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi fil-kuntest tar-regoli dwar il-kumpanniji kkontrollati barranin) kollu kemm hu sa fejn tikkonċerna lilha;

— fin-nuqqas li d-deċiżjoni kontenzjuża ma tiġix annullata kollha kemm hi a) tannullaha sa fejn hija applikabbli għall-eżenzjoni tal-interessi konkordanti previsti fil-Parti 9A, Kapitolu 9, tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [Att dwar id-dispożizzjonijiet fiskali (internazzjonali u oħra) tal-2010] u b) tikkonstata li t-telf, tnaqqis u eżenzjonijiet li kienu possibbli għar-rikorrenti meta użufruwixxiet mill-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi jew li għaliha kienu jkunu possibbli kieku hija ma użatx l-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata anki jekk l-aċċess għal dan it-telf, tnaqqis u eżenzjonijiet issa hija preskritta taħt id-dritt Brittaniku;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka disa’motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta ma stabilixxitx li l-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi hija vantaġġ fil-każijiet kollha fejn tintuża. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li hija għażlet li tużufruwixxi mill-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi, peress li għall-bidu kienet ipprevediet eżenzjoni ta’ 75 %, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni li t-taxxa setgħet tkun inqas kieku kienet twettaq analiżi skont il-kriterju tal-funzjonijiet umani rilevanti prevista fl-Artikolu 371EB tal-parti 9A, Kapitolu 5, tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [Att dwar id-dispożizzjonijiet fiskali (internazzjonali u oħra) tal-2010].

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li ma seħħet ebda għajnuna tal-Istat jew permezz ta’ riżorsi tal-Istat. Ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma pprovatx li l-użu tal-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi ċertament wassal għal tnaqqis tal-ammont dovut tat-taxxa Brittanika fuq il-kumpanniji.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi ma jiffavorixxix ċerti impriżi jew ċerti produzzjonijiet. Ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta wettqet żball meta i) iddefinixxiet il-kuntest ta' riferiment strettament wisq, jiġifieri meta llimitat il-kuntest li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-Parti 9A minflok ma ħadet is-sistema tat-taxxa Brittanika fuq il-kumpanniji kollha kemm hi; ii) ma fehmietx li l-Kapitolu 9 tal-Parti 9A tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 [Att dwar id-dispożizzjonijiet fiskali (internazzjonali u oħra) tal-2010] ma huwiex deroga mill-Kapitolu 5 tagħha u iii) ma rrikonoxxietx li, anki jekk l-imsemmi kapitoli 9 kellu jkun deroga mill-imsemmi Kapitolu 5, ikun iġġustifikat min-natura jew l-istruttura ġenerali tal-Parti 9A tal-liġi.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta wettqet żball meta kkonkludiet li l-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi tista' tinfluwenza l-għażliet tal-gruppi multinazzjonali dwar il-post tal-funzjonijiet finanzjarji tagħhom u tas-sede fl-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-assenza ta' kundizzjonijiet ekwi u l-assenza ta' regoli fuq il-kumpanniji barranin ikkontrollati fi 15-il Stat Membru ieħor qabel l-2016.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li l-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi ma joħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni jew jimminaċċja li joħloqha. Ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma pprovatx li l-użu tal-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi ċertament wasslet għal tnaqqis tal-ammont tat-taxxa Brittanika dovuta fuq il-kumpanniji u li l-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi ma toħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni fid-dawl tal-argumenti mressqa taħt ir-raba' motiv.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq il-fatt li l-irkupru tal-għajnuna allegata tmur kontra l-prinċipji ġenerali tal-Unjoni. Ir-rikorrenti ssostni li l-kriterju ta' funzjonijiet umani ma għandux ċertezza legali, li r-Renju Unit kellu marġni diskrezzjonali wiesa' biex jirrispondi għall-inċertezza u li l-konvenuta naqset mid-dmir tagħha li twettaq analiżi sħiħa tal-fatturi kollha rilevanti. Billi ordnat l-irkupru tal-għajnuna, il-konvenuta marret kontra l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2015/1589 tal-Kunsill [1], li jipprojbixxi l-irkupru tal-għajnuna meta dan imur kontra prinċipju ġenerali tal-Unjoni.

7. Is-seba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-vantaġġ selettiv kien jiġi eliminat, u ma kien ikun neċessarju ebda rkupru, kieku r-Renju Unit wessgħet retroattivament l-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi lis-self mill-bidu u lil terzi. Ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma rrikonoxxietx li tali miżura kienet telimina kull vantaġġ selettiv (jekk wieħed kellu jassumi, għalissa, li jeżisti wieħed) u li, f'każ bħal dan, ma kienx ikun hemm għajnuna mill-Istat illegali li jkollha tiġi rkuprata bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni.

8. It-tmien motiv ibbażat fuq il-fatt li t-telf, it-tnaqqis u l-eżenzjonijiet li kienu possibbli għar-rikorrenti meta hija użat l-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi jew li għaliha kienu jkunu possibbli kieku hija ma kellhiex tuża l-eżenzjoni tal-finanzjament tal-gruppi kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata anki jekk l-aċċess għal dan it-telf, tnaqqis u eżenzjonijiet issa huwa preskritt taħt id-dritt brittaniku. Ir-rikorrenti ssostni din hija l-interpretazzjoni korretta tal-premessa 203 tad-deċiżjoni kontenzjuża imma li, sa fejn dan ma huwiex il-każ, id-deċiżjoni kontenzjuża hija żbaljata għaliex li ma tiħux inkunsiderazzjoni dan it-telf, tnaqqis u eżenzjonijiet iwassal għal stima eċċessiva tal-ammont li twassal għal distorsjoni fis-suq intern.

9. Id-disa' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta ma mmotivatx il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-eżenzjoni tal-interessi konkordanti u ma wettqetx analiżi sħiħa tal-fatturi rilevanti kollha. Ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma wettqitx distinzjoni bejn it-tliet eżenzjonijiet distinti previsti mill-Kapitolu 9 u li jaħdmu separatament minn xulxin, u ma fehmitx li l-eżenzjoni tal-interessi konkordanti ma hijiex indikatur tal-kriterju tal-funzjonijiet umani u li l-eżistenza tal-eżenzjoni tal-interessi konkordanti (li hija marbuta indiviżibbilment mar-regoli li jillimitaw id-deduċibbiltà tal-piżijiet tal-interessi) fl-imsemmi kapitolu 9 juru li l-konvenuta wettqet żball meta ddefinixxiet il-kuntest ta' riferiment strettament wisq, jiġifieri meta llimitat il-kuntest għall-Kapitolu 9A minflok ma ħadet is-sistema fiskali tat-taxxa Brittanika fuq il-kumpanniji kollha kemm hi.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2019 — Banco Cooperativo Español vs BUR**

**(Kawża T-498/19)**

(2019/C 312/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Banco Cooperativo Español, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: D. Sarmiento Ramírez-Escudero u J. Beltrán de Lubiano Sáez de Urabain, avukati)

*Konvenut:* Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— Prinċipalment, tiddikjara n-nullità tad-deċiżjoni kkontestata;

— Sussidjarjament,

a. tiddikjara li l-Artikoli 12 u 14 tar-Regolament ta' Delega 2015/63 ma humiex applikabbli skont it-termini indikati f'dan ir-rikors, u

b. tiddikjara n-nullità tad-deċiżjoni kkontestata; u

— F'kull każ, tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Dan ir-rikors qed jitressaq kontra d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tas-16 ta' April 2019 (SRB/ES/SRF/2019/10), dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2019.

Insostenn tar-rikors tiegħu r-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 ([1])

— f'dan ir-rigward qed jiġi allegat li l-Artikoli 12 u 14 tar-Regolament ta' Delega għandhom jiġu interpretati b'tali mod li Skema ta' Protezzjoni Istituzzjonali stabbilita fl-2018 għandha tiġi rikonoxxuta għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2019.

2. It-tieni motiv, sussidjarju, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità abbażi tal-Artikolu 277 TFUE, intiż sabiex il-Qorti Ġenerali tiddikjara l-inapplikabbiltà tal-Artikoli 12 u 14 tar-Regolament ta' Delega minħabba li jiksru l-Artikolu 103(2) u (7) tad-Direttiva 2014/59/UE ([2])

— f'dan ir-rigward qed jiġi allegat li, fil-każ li l-Artikoli 12 u 14 tar-Regolament ta' Delega għandhom jiġu interpretati b'tali mod li Skema ta' Protezzjoni Istituzzjonali stabbilita fl-2018 ma għandhiex tiġi rikonoxxuta għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2019, konsegwentement l-imsemmija artikoli tar-Regolament ta' Delega jiksru l-Artikolu 103(2) u (7) tad-Direttiva 2014/59/UE, peress li jinjoraw il-kundizzjonijiet tad-delega ta' poteri lill-Kummissjoni li huma (i) li l-kontribuzzjonijiet lill-Bord għandhom jiġu aġġustati għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni kontribwenti u (ii) li l-kontribuzzjonijiet lill-Bord għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-parteċipazzjoni fi Skema ta' Protezzjoni Istituzzjonali.

---

([1]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2016, L 233, p. 1).

([2]) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014 L 173, p. 190).

---

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2019 — Corneli vs BĊE

## (Kawża T-501/19)

(2019/C 312/31)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Francesca Corneli (Velletri, l-Italja) (rappreżentant: F. Ferraro, avukat)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, prot. L/LDG/19/182 tad-29 ta' Mejju 2019, li permezz tagħha ġie miċħud l-aċċess għad-deċiżjoni tal-BĊE li qegħdet lil Banca Carige SpA, bis-sede tagħha f'Genova — l-Italja, taħt sistema ta' amministrazzjoni straordinarja u l-fajl relatat, u tordna lill-konvenut li jippreżenta fil-qorti l-imsemmija deċiżjoni u l-atti kollha preliminari, preparatorji, konnessi u konsekuttivi;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

L-għan ta' dan ir-rikors huwa l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, prot. L/LDG/19/182 tad-29 ta' Mejju 2019, li permezz tagħha ġie miċħud l-aċċess għad-deċiżjoni tal-BĊE li qegħdet lil Banca Carige SpA, bis-sede tagħha f'Genova — l-Italja, taħt sistema ta' amministrazzjoni straordinarja u l-fajl relatat, u tordna lill-konvenut li jippreżenta fil-qorti l-imsemmija deċiżjoni u l-atti kollha preliminari, preparatorji, konnessi u konsekuttivi.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-BĊE 2004/3, u fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-eċċezzjoni relatata mal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, protetta bħala tali mid-dritt tal-Unjoni.

— F'dan ir-rigward, id-deċiżjoni kkontestata hija illegali, peress li ma għandha l-ebda element konkret, li jindika l-partijiet riżervati tad-dokument ikkontestat, il-funzjoni u l-iskop tagħhom fi ħdan il-BĊE u r-riskji li l-iżvelar tagħhom jista' jippreżenta. Fl-ibbilanċjar tal-interessi varji, huwa meqjus li l-interess konkret tal-faddala li jħarsu l-ishma tagħhom kif ukoll l-effiċjenza u t-trasparenza tal-governance tal-kumpannija għandu jipprevali fuq il-ħtieġa ġenerali u mhux iġġustifikata li jiġu protetti l-proċeduri ta' superviżjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tan-natura kunfidenzjali tad-dokument mitlub.

— F'dan ir-rigward huwa sostnut li l-BĊE ma joffri l-ebda motivazzjoni dwar in-natura "kunfidenzjali" tad-dispożizzjoni kkontestata u hija sempliċement tafferma b'mod deċiżiv li l-protezzjoni tal-proċeduri ta' superviżjoni tagħha tiġġustifika ċ-ċaħda tal-aċċess.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 7(1) u 8(1) tad-Deċiżjoni tal-BĊE 2004/3 u fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

— Ksur serju tal-Artikoli 7(1) u 8(1) tad-Deċiżjoni tal-BĊE 2004/3 u nuqqas ta' motivazzjoni huma kkontestati f'dan il-kuntest peress li ma hemmx il-kundizzjonijiet għall-invokazzjoni ta' preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità u peress li l-BĊE ma wettaqx evalwazzjoni konkreta tad-dokumenti li għalihom intalab l-aċċess.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea) u tal-Artikoli 7(3) u 8(2) tad-Deċiżjoni tal-BĊE 2004/3.

— Għandu jiġi enfasizzat li l-BĊE ma jistax iwarrab kompletament l-interessi tal-partijiet li lilhom hija indirizzata d-dispożizzjoni, inklużi l-azzjonisti tal-bank, li għandhom dritt għal protezzjoni effettiva, skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, kontra dak li huma msejjaħ bħala l-eżerċizzju "ħażin" ta awtorità pubblika. Il-BĊE kiser wkoll l-Artikoli 7(3) u 8(2) tad-Deċiżjoni tal-BĊE 2004/3, peress li repetutament invoka piż ta' xogħol eċċezzjonalment għoli, mingħajr ma pproduċa l-ebda prova f'dan ir-rigward, sabiex jestendi b'20 ġurnata oħra t-terminu previst għal tweġiba għat-talba ta' aċċess proposta mir-rikorrenti.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2019 — Corneli vs BĊE**

**(Kawża T-502/19)**

(2019/C 312/32)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Francesca Corneli (Velletri, l-Italja) (rappreżentanti: M. Condinanzi, L. Boggio u F. Ferraro, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali joghġobha:

— tiddikjara lid-deċiżjoni kkontestata nulla u bla effett, ladarba jiġi stabbilit l-illegalità tagħha;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż; u

— tordna, bħala miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-produzzjoni b'mod sħiħ rispettivament tal-att ikkontestat u tad-deċiżjoni ta' estensjoni sussegwenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Dan ir-rikors huwa intiż kontra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Jannar 2019, ECB-SSM-2019-ITCAR-11, adottata abbażi ta' abbozz ta' deċiżjoni tal-Bord Superviżorju skont l-Artikolu 26(8) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([1]), skont l-Artikoli 69q, 70 u 98 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 385 tal-1 ta'Settembru 1993 ("TUB") li jittrasponu l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, flimkien mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, li jxolji l-korpi amministrattivi u ta' kontroll ta' Banca Carige S.p.A., b'sede f'Genova, u li jissostitwihom rispettivament bi tliet kummissarji straordinarji u kumitat ta' sorveljanza kompost minn tliet membri.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità tal-Artikoli 28 u 29 tad-Direttiva 2014/59/UE ([2]) u tal-Artikolu 69q *et seq*. tat-TUB.

   — F'dan ir-rigward huwa sostnut li l-miżuri ta' intervent bikri jeħtieġu intervent gradwali li ma kienx irrispettat f'dan il-każ. L-iktar miżura invażiva hija, għalhekk, illeġittima u nulla.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ta' proporzjonalità u ta' gradwalità li teħtieġ is-sistema ġenerali ta' miżuri ta' intervent bikri.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 29 tad-Direttiva 2014/59/UE u tal-prinċipju ta' prestazzjoni tajba tal-amministrazzjoni pubblika.

   — F'dan ir-rigward huwa sostnut li l-ħatra bħala amministraturi temporanji ta' membri tal-bord tad-diretturi preċedenti tikser l-obbligu ta' eżenzjoni minn kunflitt ta' interess.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 70 TUB, dwar l-użu ħażin ta' poter, kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

   — F'dan ir-rigward huwa sostnut li l-amministrazzjoni straordinarja mħejjija fil-konfront tal-vjolazzjonijiet serji jew irregolaritajiet serji tagħmel lid-dispożizzjoni kontradittorja u inkonsistenti.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tar-regoli dwar id-dritt tal-azzjonista li jinsabu fid-Direttiva (UE) Nru 1132/2017 ([3]) u fil-Kodiċi Ċivili Taljan, ukoll bħala implimentazzjoni tal-prinċipji fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Kostituzzjoni Taljana, dwar il-protezzjoni tal-propjetà, tfaddil u inizjattiva ekonomika privata kif ukoll l-awtodeterminazzjoni taċ-ċittadin fl-għażliet personali.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63).

([2]) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (GU 2014, L 173, p. 190).

([3]) Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (GU 2017, L 169, p. 46).

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2019 — Crédit Lyonnais vs BĊE**

**(Kawża T-504/19)**

(2019/C 312/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Crédit Lyonnais (Lyon, Franza) (rappreżentanti: A. Champsaur u A. Delors, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla, abbażi tal-Artikoli 256 u 263 TFUE, id-Deċiżjoni ECB-SSM-2019-FRCAG-39 adottata mill-BĊE fid-data tat-3 ta' Mejju 2019, sa fejn jirrifjuta li jawtorizza lir-rikorrenti li teskludi mill-kalkolu tal-proporzjon ta' ingranaġġ 34 % tal-iskoperturi għaċ-CDC;

— tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 266 TFUE u tal-awtorità tar-*res judicata* mill-Qorti Ġenerali. Ir-rikorrenti tqies li billi jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq motivi li diġà ġew eżaminati u miċħuda mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, Crédit agricole vs BĊE (T-758/16, EU:T:2018:472) u billi jenfasizza r-riskju teoretiku ta' nuqqas mill-Istat Franċiż u riskju ta' bejgħ f'sitwazzjoni diffiċli [fire-sale] tal-attiv mingħajr ma juri l-probabbiltà ta' dawn l-allegazzjonijiet, il-Bank Ċentrali Ewropew kiser l-Artikolu 266 TFUE u l-awtorità ta' *res judicata*.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq, minn naħa waħda, il-ksur tal-Artikolu 429(14) u tal-Artikolu 400(1)(a) tar-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1) u, min-naħa l-oħra, fuq l-eċċess ta' poter imwettaq mill-BĊE. Ir-rikorrenti tikkunsidra li billi jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-eżistenza ta' riskju ta' konċentrazzjoni fuq il-Caisse des dépôts et consignations (iktar 'il quddiem "CDC") biex jirrifjuta li jeskludi għal kollox l-iskoperturi tal-Crédit Lyonnais (iktar 'il quddiem "LCL") fuq iċ-CDC tal-proporzjon ta' ingranaġġ, il-BĊE impona fuq l-LCL rekwiżit prudenzjali abbażi tal-konċentrazzjoni fuq l-iskoperturi sovrani li l-Artikolu 400(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma jippermettilux li jimponi u jużа' l-poteri li jagħtih l-Artikolu 429(14) tal-istess regolament għall-finijiet oħra minn dawk previsti minn dan l-artikolu.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni li l-BĊE wettaq billi ppersista li ma jieħux inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tat-tfaddil irregolat, li kiser b'hekk l-obbligu tiegħu li jeżamina, bir-reqqa u imparzjalment, l-elementi rilevanti kollha ta' dan il-każ u billi jieħu l-konklużjonijiet li jimponu. Ir-rikorrenti tqies li billi jagħmel hekk il-BĊE jwettaq ukoll żball manifest ta' evalwazzjoni tar-riskji prudenzjali dwar it-tfaddil irregolat.

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2019 — Lux vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-513/19)**

(2019/C 312/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Catherine Lux (Strasbourg, Franza) (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2018 ta' PMO.4 li fiha t-trasferiment tal-kuntratt tar-rikorrenti minn EFSA għal EASA jitqies bħala kuntratt ġdid ta' impjieg u li ma jiġux applikati fil-konfront tagħha l-miżuri tranżitorji stabbiliti fl-Artikoli 21 u 22 tal-Anness XIII fir-Regolamenti tal-Persunal;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 21 u 22 tal-Anness XIII għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, inkwantu l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' dħul fis-servizz.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 10 u 12 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni, minħabba li dawn id-dispożizzjonijiet ġew adottati sabiex tiġi inċentivata l-mobbiltà fost l-aġenziji, fejn permezz ta' dan tiġi kkonfermata l-possibbiltà ta' karriera Ewropea fi ħdan l-aġenziji.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u ta' nuqqas ta' retroattività. Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li d-deċiżjoni tagħha li tkompli fil-funzjoni tagħha fi ħdan l-EASA fl-2017 kienet ibbażata fuq il-konferma mid-dipartiment tar-riżorsi umani tal-EASA tal-fatt li din it-tkomplija kienet tiżguralha wkoll il-kontinwità tal-kundizzjonijiet relatati mad-drittijiet tagħha għal pensjoni miksuba fi ħdan l-EFSA.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' kontinwità ta' karriera u ta' impjieg tal-membri tal-persunal temporanji. Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma tistax teskludi l-applikazzjoni tal-Artikoli 10 u 12 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni inkwantu hija hi li introduċiet prinċipju ta' analiżi komuni u kontinwa tal-impjieg ta' membru tal-persunal temporanju fi ħdan l-aġenziji.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li ebda kunsiderazzjoni ma tippermetti li tiġi ġġustifikata d-differenza fit-trattament fil-qasam tad-drittijiet għal pensjoni fi ħdan l-Unjoni bejn membri tal-persunal u aġenti oħra.

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2019 — Heitec vs EUIPO — Hetec Datensysteme (HEITEC)**

**(Kawża T-520/19)**

(2019/C 312/35)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Heitec AG (Erlangen, il-Ġermanja) (rappreżentant: G. Wagner, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Hetec Datensysteme GmbH (Germering, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "HEITEC" — Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 774 331

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' April 2019 fil-Każ R 1171/2018-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, moqri flimkien mar-Regola 40(5) u mar-Regola 22(3) u (4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95.

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2019 — Sánchez Cano vs EUIPO — Grupo Osborne (EL TORO BALLS Fini)**

**(Kawża T-527/19)**

(2019/C 312/36)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sánchez Cano, SA (Molina del Segura, Spanja) (rappreżentanti: C. Giner Mas u M. González Aleixandre, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Grupo Osborne, SA (El Puerto de Santa María, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva "EL TORO BALLS Fini"– Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 648 595

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Marzu 2019 fil-Każ R 2690/2017-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi dawk li jirriżultaw mill-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell; jew ukoll, fil-każ li l-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tkun tikkostitwixxi lilha nnifisha bħala parti intervenjenti, tikkundanna *in solidum* lil din tal-aħħar mal-konvenut għall-ispejjeż, inklużi dawk li jirriżultaw mill-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

**Motiv invokat**

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2019 — Nord Stream vs Il-Parlament u Il-Kunsill**

**(Kawża T-530/19)**

(2019/C 312/37)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Nord Stream AG (Zug, l-Isvizzera) (rappreżentanti: M. Raible, C. von Köckritz u J. von Andreae, avukati)

*Konvenuti:* Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Direttiva (EU) 2019/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali, sa fejn l-Artikolu 1(9) ta' din id-direttiva jdaħħal l-ewwel sentenza tal-Artikolu 49a(3), tad-Direttiva 2009/73 li jipprovdi "[i]d-deċiżjonijiet taħt il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu adotttati sal-24 ta' Mejju 2020";

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew u, jekk ikun il-każ, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li t-terminu għall-kisba ta' eventwali deċiżjonijiet ta' deroga taħt l-Artikolu 49a l-ġdid tad-Direttiva 2009/73 huwa eċċessivament qasir u, għaldaqstant, jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità, li huwa prinċipju ġenerali tad-dritt, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-annullament parzjali tad-direttiva emendatorja minħabba ksur tal-Artikolu 296 TFUE, peress li d-direttiva hija vvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tal-introduzzjoni ta' terminu eċċessivament qasir fid-dispożizzjoni kkontestata.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li d-dispożizzjoni kkontestata tikser il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi peress li tillimita b'mod inġust il-possibbiltà ta' kisba ta' derogi taħt l-Artikolu 49a l-ġdid tad-Direttiva 2009/73. Il-possibbiltà ta' kisba ta' tali derogi hija legalment meħtieġa għall-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-operaturi ta' offshore pipelines ta' pajjiżi terzi li tlestew u li kienu operattivi meta d-direttiva emendatorja daħlet fis-seħħ.

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2019 — EC Brand Comércio, Importação e Exportação de Vestuário em Geral vs EUIPO (pantys)**

**(Kawża T-532/19)**

(2019/C 312/38)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* EC Brand Comércio, Importação e Exportação de Vestuário em Geral LTDA (Sorocaba, il-Brażil) (rappreżentanti: B. Bittner u U. Heinrich, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark tal-Unjoni figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "pantys" — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 869 310

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Mejju 2019 fil-Każ R 314/2019-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiċħad ir-rikors relatat mal-prodotti u servizzi segwenti:

klassi 5: assorbenti iġeniċi, srievet iġeniċi, pads għall-inkontinenza;

klassi 35: servizzi ta' bejgħ online ta' prodotti iġeniċi għan-nisa;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2017/1001;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2017/1001;

— Użu wiesa' fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2019 — Artur Florêncio & Filhos, Affsports vs EUIPO — Anadeco Gestion (sflooring)**

**(Kawża T-533/19)**

(2019/C 312/39)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Artur Florêncio & Filhos, Affsports Lda (Sintra, il-Portugall) (rappreżentant: D. Martins Pereira Soares, lawyer)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Anadeco Gestion, SA (Cartagena, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva sflooring bil-kuluri iswed, abjad u griż — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 943 586

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Mejju 2019 fil-Każ R 1870/2018-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tippermetti bis-sħiħ dan l-appell

— tannulla bis-sħiħ id-deċiżjoni kkontestata;

— temenda d-deċiżjoni kkontestata, ibbażata fuq il-bażi f'dan l-appell u tiddikjara l-għoti tat-trademark tal-Unjoni Ewropea Nru 11 943 588 sflooring;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż sostnuti mill-appellant, inklużi l-ispejjeż sostnuti fil-każ quddiem l-EUIPO;

— tikkundanna lill-parti l-oħra biex issostni l-ispejjeż tal-appellant fil-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

**Motivi invokati**

— Insuffiċjenza tal-provi ta' użu ġenwin tat-trademark preċedenti T-FLOORING

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2019 — H.R. Participations vs EUIPO — Hottinger Investment Management (JCE HOTTINGUER)**

**(Kawża T-535/19)**

(2019/C 312/40)

*Lingwa tar-rikors: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* H.R. Participations SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: P. Wilhelm u J. Rossi, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Hottinger Investment Management Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea JCE HOTTINGUER — Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 10 093 391

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-3 ta' Mejju 2019 fil-Każ R 2078/2018-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikkjara r-rikors ammissbbli u fondat;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż kollha sostnuti mir-rikorrenti.

**Motivi invokati**

— Ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali sa fejn it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni kienet ivvizzjata b'irregolaritajiet.

— Ksur tal-Artikolu 60(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, moqri flimkien mal-Artikolu 8(4) tal-istess regolament.

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Awwissu 2019 — Isigny — Sainte Mère vs EUIPO (Forma ta' kontenitur tad-deheb b'tip ta' mewġa)**

**(Kawża T-546/19)**

(2019/C 312/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Isigny — Sainte Mère (Isigny-sur-Mer, Franza) (rappreżentant: D. Mallo Saint-Jalmes, avukata)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għal trade mark tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea (Forma ta' kontenitur tad-deheb b'tip ta' mewġa) — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 871 521

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Mejju 2019 fil-Każ R 1513/2018-5

**Talba**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

**Motiv invokat**

Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT